MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 423/2007

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija, sebgha u disghin (1997) fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni Numru: 1931/00RCP) fis-27 ta’ Ottubru, 2005;

4. Illi ai termini tas-sentenza odjerna, ir-rikorrenti huwa obbligat ihallas manteniment ta' hamsa u tmenin Lira Maltija (Lm85.00) fix-xahar bil-quddiem;

5. Illi martu l-intimata rrifjutat li tattendi ghall-medjazzjoni;

6. Illi r-rikorrenti jhoss li c-cirkostanzi prevalenti ma jimmeritawx li martu tithallas manteniment minghandu meta hija ghadha zghira fl-eta', kapaci tahdem bhalma fil-fatt kienet taghmel qabel u waqt iz-zwieg u di piu, fil-prezent qed tahdem ghalkemm mhux bil-ktieb;

7. Illi r-rikorrenti jaf bic-cert li waqt iz-zwieg martu kienet telqet mill-impjiega taghha kappriccozament precizament fl-1 ta' Lulju 1998 u dan bit-tir biex ir-rikorrenti jibqa' jhallasha manteniment;

8. Illi jemmen li martu ghandha tkun finanzjarjament indipendenti minnu aktar u aktar minhabba l-hajja socjali taghha ghalkemm hija determinata li tibqa' tisolhu kemm tista' permezz tal-manteniment de quo;

9. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti minnu dikjarati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tvarja s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni Numru: 1931/00RCP) fis-27 ta' Ottubru, 2005 fis-sens li l-esponenti ma jibqax ihallasha manteniment.

Bl-ispejjez, kontra l-intimata li tibqa' ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tvarja sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-27 ta' Ottubru 2005, fis-sens li hu jigi ezonerat milli jkompli jhallas manteniment lill-konvenuta; u dan fuq tlett kawzalijiet: [1] li l-konvenuta "ghadha zghira fl-eta' u ghalhekk kapaci tahdem", [2] li "fil-prezent il-konvenuta qeda tahdem ghalkemm mhux bil-ktieb." u [3] li martu kienet telqet mill-impieg taghha kappricciosament fl-1 ta' Lulju 1998

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-8 ta' Marzu 1997, u minn dan iz-zwieg ma ghandhomx tfal.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2005, fl-istess ismijiet, dik il-Qorti kienet pronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u, inter alia, l-attur, allura wkoll attur, kien gie ordnat sabiex jhallas lill-konvenuta martu, retta alimentarja ta' €198 [ekwivalenti ghal LM85] fix-xahar bhala manteniment ghaliha, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza taghha.

Fir-rigward dik il-Qorti kienet osservat li li din ir-rata kienet skond digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 2001, u ziedet tosserva "Illi abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti ma' thoss li din is-sitwazzjoni ghandha tigi mibdula, anke ghaliex ma jirrizultax li l-konvenuta telqet kappricciosament mix-xoghol, kif allega l-attur, u ma giex provat li hija ghandha xi forma ta' introjtu, u ghalhekk l-attur ghandu l-obbligu xorta wahda li jmantni lill-konvenuta."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok huwa palezi li dak li gie deciz fis-sentenza precitata jikkostitwixx gudikat, u ghalhekk, ma jistax jerga' jigi kkunsidrat f' dawn il-proceduri li ghandhom

jikkoncernaw biss fatti sopravvenuti ghall-imsemmija sentenza.

Ghalhekk l-allegazzjoni ta' l-attur, bhala wiehed mill-bazijiet tat-talba tieghu, li fl-imsemmija data martu kienet telqet mix-xoghol kappriccjosament, mhux ser tigi kkunsidrata ulterjorment f' dan il-gudizzju, stante li dak il-punt diga' jinsab deciz fis-sentenza precitata.

Illi in kwantu ghall-kawzali bazata fuq il-fatt mressaq il-quddiem mill-attur li martu ghadha zghira u ghalhekk kapaci tahdem, il-Qorti tosserva li, anke dan il-punt jinsab deciz, stante li f' dak iz-zmien il-konvenuta kienet izghar millli hi llum.

Illi tibqa' biex jigi kkunsidrata l-kawzali bazata fuq il-fatt allegat mill-attur fis-sens li fil-prezent l-attrici qeda tahdem minghajr ktieb tax-xoghol.

In propozitu jirrizulta mill-atti li l-attrici kienet waqfet mix-xoghol fis-sena 1998, u hi bdiet tircevi l-ghajnuna socjali mill-24 ta' Frar 2001 sat-2 ta' Novembru 2007, f' liema data din l-ghajnuna kienet twaqqfet tithallas peress li l-konvenuta ma kellhiex kondizzjonijiet medici li kienu jimpeduha milli tahdem, jew tirregistra ghax-xoghol.  Mill-provi jirrizulta li l-konventua baqghet ma rregistratx ghax-xoghol.

Dan huwa evidenzjat ukoll mill-fatt li dan l-introjtu socjali ma baqax jidher registrat fil-kont savings li l-konvenuta ghandha mal-Bank of Valletta; u l-kont fiss li ghandha l-istess konvenuta ma jurix xi dhul relevanti. Dawn il-kontijiet jirrizalu ghas-sena 1998 u llum ghadhom pendenti bl-ammonti bilancjali ta' €350 u €1,821.32 rispettivament.

Illi minn naha tieghu, l-attur, mistoqsi darbtejn mill-Assistant Gudizzjarju jekk hu kienx ghamel xi ndagini <u>sabiex jikkonferma dak allegat minnu</u> fis-sens li martu kienet qeda taghmel xoghol bi qligh, l-attur irrisponda hekk: "M'ghandix cans immur naghmlilha l-ghassa. Ma nahsibx li affari sewwa tmur taghmel l-ghassa fuq

bniedem."[1] u "Ma jidhirlix li ghandi ghalfejn noqghod nissindikalha."[2]

Il-Qorti tosserva li, ghalkemm tapprezza l-livell ta' etika ta' l-attur li ma jsegwix lil martu u jaghmlilha l-ghassa, minn naha l-ohra jezisti principju fundamentali fid-dritt procedurali f' materja ta' prova, fis-sens li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' l-istess fatt; u fil-kaz in dizamina, il-Qorti tosserva li ma rrizultawx provi sodisfacenti li juru li fil-prezent il-konvenuta qeda taghmel xoghol bi qligh. Il-fatt li martu ma marritx tirregistra ghax-xoghol ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li din qeda tahdem, gjaladarba hi qed tircevi manteniment minghand zewgha l-attur. Inoltre, il-propsetti bankarji taghha jaghtu konfort lil din il-konkluzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex sostnuti minn provi sodisfacenti, u ghalhekk timmerita li tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Fol.39
[2] Fol.41